MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Numru. 38/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**Vs**
**Carmelo Darmanin**

Il-Qorti;
Rat li l-imputat Carmelo Darmanin ta’ 55 sena, bin Michael u Josephine nee’ Vento, imwieled Haz-Zabbar fl-01 ta’ April, 1948 u residenti ‘Tal-Grazzja’, Triq Sta. Duminka, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 423348(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fix-Xghajra, fl-4 ta’ Dicembru 2003 ghall-habta tas-7.30am, b’eghmil zieni kkorrompa persuna ta’ taht l-eta, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe’ Omissis ta’ tnax-il sena ;

Fl-istess data, lok u hin kif ukoll f’Ottubru 2002, offenda il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku ;

Fl-istess cirkostanzi f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku, naza gharwien jew ma kienx liebes xieraq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Jannar 2004 (esebit *a folio* 3 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta’ Novembru 2004
l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-5 ta’ Dicembru 2003[1] dahal rapport fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar minn Omissis fejn hija qalet li l-gurnata qabel waqt li bintha Omissis ta’ tnax il-sena kienet miexja fi Triq Dawret ix-Xatt, Xghajra ghall-habta tas-7.30am sejra sabiex taqbad it-trasport ghall-iskola rat ragel li kien gewwa garaxx bil-bieb miftuh u dan malli raha nehha il-qalziet u beda’ jimmasturba. Il-Pulizija giet infurmata wkoll li meta Omissis tkellmet ma’ tifla ohra li kienet qed tistenna fuq il-bus stop maghha, certu Omissis, din qaltilha li xi zmien qabel kienet grat l-istess haga lill-ohtha Omissis minn ragel f’garaxx fl-istess triq.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat bi tlett imputazzjonijiet. Permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni huwa jinsab akkuzat talli fl-4 ta’ Dicembru 2003 ghall-habta tas-

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia waqt l-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2004.

7.30am b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta', u cioe' lil Omissis. Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni huwa jinsab akkuzat ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, u cioe' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku kemm in kwantu jirrigwarda l-incident ma' Omissis kif ukoll in kwantu jirrigwarda l-incident ma' Omisiss li l-Prosekuzzjoni qed tallega li sehh f'Ottubru 2002. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2005 id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni u fi stadju ta' trattazzjoni finali eccepiet ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni. Waqt l-istess udjenza tat-18 ta' Jannar 2005 l-Prosekuzzjoni kienet irrilevat li l-Pulizija kienet saret taf bl-allegati fatti li graw f'Ottubru 2002 biss f'Dicembru 2003 u ghalhekk il-preskrizzjoni ghandha tibda' tiddekorri minn din l-ahhar data. Il-Qorti setghat tikkonstata li l-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma' esebiet ir-riferta li tindika d-data meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni odjerna u minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-ewwel darba li l-imputat deher f'dawn il-proceduri kien waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2004. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li din id-data ghandha titqies bhala d-data li fiha l-imputat gie notifikat ghal-finijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. L-Artikolu 692 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma' jibdiex jimxi meta l-hati ma' jkunx maghruf. Fil-kaz tar-reat u kontravenzjoni allegatament kommessi mill-imputat f'Ottubru 2002 l-allegata vittma Omissis meta xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2005 qalet li sa minn mindu sehh l-allegat incident kienet taf lill-imputat. Il-fatt li ma' sarx rapport u li ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma' saritx taf dwar il-fatti li allegatament graw f'Ottubru 2002 ma' jfisser xejn ghaliex l-imsemmi Artikolu 692 jghid li l-preskrizzzjoni ma' tibdiex tiddekorri meta l-hati ma' jkunx maghruf izda ma' jindikax lil min ghandu jkun maghruf. Fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi li l-hati kien maghruf mill-allegata vittma sa mid-data li fiha sehh ir-reat u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-preskrizzjoni ghandha tibda' tiddekorri minn Ottubru 2002. Dan ifisser li t-tieni (2) imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli ghall-incident ta' Omisiss u t-tielet (3) imputazzjoni huma preskritti ai termini tal-Artikoli

688(e) u 688(f) rispettivament. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jikkomporta piena ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur prigunerija jew multa filwaqt li il-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338Q ghandha l-piena tal-kontravenzjonijiet li hija massimu ta' ammenda ta' sitta u hamsin ewro (€56) u ghalhekk il-preskrizzjoni ghar-reat indikat fit-tieni (2) imputazzjoni huwa ta' sentejn filwaqt li l-kontravenzjoni kontemplata fit-tielet (3) imputazzjoni hija preskritta wara tlett xhur. Peress li l-allegat reat u kontravenzjoni sehhew f'Ottubru 2002 u l-imputat qed jitqies li gie notifikat fl-4 ta' Novembru 2004 kemm it-tieni (2) mputazzjoni in kwantu riferibbli ghall-Omissis kif ukoll it-tielet (3) imputazzjoni jirrizultaw preskritti.

Ikkunsidrat :

Illi jibqa' issa sabiex jigu kkunsidrati l-ewwel (1) imputazzjoni u t-tieni (2) mputazzjoni in kwantu din hija riferibbli ghall-incident ta' Omissis. Il-minuri Omissis xehdet bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2004 fejn hija spjegat li f'data li kienet f'Dicembru 2003 li jidrilha li kienet is-7 jew it-8 ta' Dicembru kmieni filghodu hija kienet ghaddejja minn triq vicin id-dar taghha li ma' tafx x'jisimha u sejra sabiex tirkeb it-trasport li kien ser iwassalha l-iskola u waqt li kienet ghaddejja minn quddiem garaxx li kellu zewg bibien minn erba' miftuhin rat ragel f'nofs il-garaxx ihares il'barra u minghajr qalziet jew qalziet ta' taht u dan kien qed jimmasturba. Hija spjegat li baqghet miexja lejn il-bus stop u meta rritornat id-dar wara l-iskola ma' qalet xejn. Hija qalet izda li l-ghada filghodu waqt li kienet ghaddejja mill-istess triq u fuq in-naha l-ohra tal-bankina rat lill-istess ragel, li identifikatu bhala l-imputat, u dan malli raha beda' jholl ic-cinturin tal-qalziet. Hija qalet li kompliet miexja b'pass mghaggel sal-bus stop u qalet lil habiba taghha Omissis x'kien gralha u din qaltilha li xi zmien qabel ohtha kien gralha l-istess haga. Omissis qalet li meta marret id-dar qalet lill-ommha x'kien gara u qaltilha wkoll li kienet qed tibza' tghaddi mill-istess triq u ommha kienet cemplet lil Pulizija. Omissis qalet li ma' kienet rat xejn mal-art

hdejn l-imputat u eskludiet li huwa seta' kien qed jghaddi l-urina.

L-imputat min-naha l-ohra kemm meta rrilaxxja l-istqarrjia nserita a fol. 14 u 15 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2007 sostna li fid-data indikata ta' Dicembru 2003 huwa kien mar bil-mutur fil-post li kellu tal-villegjatura fix-Xghajra fejn spjega li l-bieb ta' barra tal-fond kien jikkonsisti f'bieb ta' garaxx u huwa kellu bzonn urgenti jaghmel l-urina u ghalhekk meta dahal fil-garaxx qabad barmil li kien hemm mal-gemb u beda' jipprova jaghmel l-urina izda qal li ma setghax jaghmel u kien ghalhekk li beda' jaghfas il-parti genitali tieghu. Huwa qal li dakinhar kien liebes qalziet ta' tracksuit u ghalhekk bilfors kellu jnizzel il-qalziet. Huwa sostna wkoll li dak iz-zmien kellu l-prostata kbira u kien ghal din ir-raguni li huwa kien ibaghti sabiex jghaddi l-urina. Huwa cahad li kien qed jimmasturba jew li ra xi tifla ghaddejja. Huwa inoltre cahad li kien ghamel xi haga simili f'Ottubru 2002.

Ikkunsidrat:

Illi jibda' sabiex jinghad li l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' Omissis u jidrilha li din qalet il-verita' meta xehdet f'dawn il-proceduri. Dwar l-inkonsistenza sollevata mid-Difiza dwar dak li qalet din ix-xhud dwar it-tieni ncident meta l-imputat hall ic-cinturin malli raha fejn meta xehdet l-ewwel darba bil-procedura tal-video-conferencing qalet li dan kien gara l-ghada tal-ewwel incident filwaqt li meta xehdet waqt l-access li sar fil-15 ta' Novembru 2005 li sar fuq il-post qalet li dan sehh l-istess gurnata izda wara nofsinhar, il-Qorti jidrilha li din hija nkonsistenza zghira li ma xxejjen xejn affattu l-kredibilita' tax-xhud u tista' tkun dovuta ghall-fatt li meta sehh l-access kienu ghaddew kwazi sentejn mid-data tal-akkadut.

Il-Qorti min-naha l-ohra assolutament ma' temminx il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fejn huwa qed isostni li meta ratu Omissis kien qed jghaddi l-urina. Dan jinghad l-ewwel u qabel kollox ghaliex il-Qorti temmen li meta

wiehed jikkunsidra l-imputat kellu kamra tal-banju b'toilet ftit passi l'boghod minn fejn jghid li kien qed jghaddi l-urina fil-garaxx difficilment jista' jitwemmen meta jghid li huwa ghazel li jaghmel fil-barmil fil-garaxx minflok jimxi zewg passi ohra u jaghmel il-bzonnijiet tieghu fil-kumdita' u fil-privatezza ta' kamra tal-banju. Ir-raguni moghtija mill-imputat il-ghala huwa ghazel li jghaddi l-urina fil-barmil fil-garaxx minflok imur fil-kamra tal-banju, u cioe' ghaliex kellu bzonn urgenti hafna, ukoll difficilment tista' titwemmen specjalment meta wiehed jikkunsidra dak li qal l-imputat li dak iz-zmien huwa kellu diffikultajiet kbar sabiex jghaddi l-urina u ghalhekk il-Qorti jidrilha li li kieku ghazel sabiex jimxi ftit passi ohra u jmur fil-kamra tal-banju zgur ma' kien ser jigri ebda dizastru. Il-Qorti jidrilha li r-raguni moghtija mill-imputat il-ghala huwa kien qed jaghfas il-parti genitali tieghu meta ratu Omissis hija biss skuza sabiex jinheba wara l-fatt li huwa kien qed jimmasturba bil-bieb tal-garaxx miftuh u *in plain view* ta' min kien ghaddej mit-triq. Huwa minnu li l-imputat gab provi li jindikaw li xi zmien wara l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna huwa kien ikkonsulta ma' urologista fejn gie kkonstatat li kellu l-prostata kbira izda l-Qorti xorta wahda jidrilha li dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2003 huwa kien qed jimmasturba u mhux jghaddi l-urina. Fattur iehor li kkontribwixxa ghall-konvinciment morali tal-Qorti f'dan ir-rigward huwa l-fatt li l-ghada stess malli l-imputat ra lil Omissis huwa beda' jholl ic-cinturin. Huwa pjuttost inverosimili li l-imputat inzerta qabdu l-bzonn li jghaddi l-urina propju meta tkun ghaddejja Omissis.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni d-Difiza qed issostni li dina ma' tistghax titqies bhala pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex filwaqt li din l-imputazzjoni tindika data preciza, u cioe' dik tal-4 ta' Dicembru 2003, il-vittma Omissis ndikat bhala data tal-incident is-7 jew it-8 ta' Dicembru 2003. Il-Qorti tirrileva li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia ndika li r-rapport kien dahal fil-5 ta Dicembru 2003 u ghalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni naqset milli tiproduci kopja tar-rapport relattiv, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-Ufficjal Prosekutur kien qed jindika d-data korretta. Dwar ix-xhieda ta' Omissis l-Qorti tirrileva li din ix-xhud kellha biss

tnax il-sena meta xehdet u huwa ghalhekk possibbli li hija ma’ ftakritx id-data bi precizjoni u inoltre irid jigi rilevat li hija ndikat li ma’ kinitx tiftakar id-data preciza izda qalet li dehrilha li d-data setghat tkun is-7 jew it- 8 ta’ Dicembru 2003.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat huwa hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u huwa sejjer ghalhekk  jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni. Stante li huwa evidenti li t-tieni (2) mputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli ghall-Omissis.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta l-konkluzjonijiet tal-espert psikologa Roberta Holland[2] fejn din qalet li mit-testijiet klinici li ghamlet fuq l-imputat setghat tikkonkludi li huwa kien jaqa’ f’kategorija baxxa hafna li jikkommetti reat iehor ta’ natura simili ghal dak li bih kien qed jigi akkuzat. Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-eta’  avvanzata tal-imputat kif ukoll il-fatt li l-incident sehh f’okkazzjoni wahda biss u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena alternattiva ghal dik karcerarja. Dwar id-dewmien esagerat sabiex jigu konkluzi dawn il-proceduri din il-Qorti kif presjeduta tixtieq tirrileva li dan il-kaz li kien qed jinstema’ minn gudikant iehor gie assenjat lilha f’Mejju 2012 fejn il-kaz kien ilu pendenti sabiex tinghata s-sentenza sa mit-13 ta’ Lulju 2011 u li din il-Qorti kif presjeduta wara li appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-udjenza tal-11 ta’ Lulju 2012 iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum. Stante li t-tieni (2)

[2] Rapport relattiv inserit a fol. 126 et sequitur tal-atti processwali.

imputazzjoni in kwantu riferibbli ghall-incident ma' Omissis inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.
Wara li rat l-Artikoli 688(e)
u 688(f) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) mputazzjoni fejn din hija riferibbli ghall-incident li allegatament sehh f'Ottubru 2002 u t-tielet(3) imputazzjoni u tiddikjara l-azzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€454.95) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti inoltre tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-vittmi Omissis, Omissis u Omissis fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

| **Espert** | **a. fol** | **Ammont** |
| --- | --- | --- |
| Dr. Roberta Holland | 143 | €454.95 |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------